



Brussell, 20 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7737/19

CYBER 101	RELEX 287
COPEN 118	TELECOM 141
COPS 92	DAPIX 109
COSI 52	CATS 43
DATAPROTECT 98	CSC 111
IND 102	CSCI 47
JAI 313	IA 106
JAIEX 44	EJUSTICE 44
POLMIL 31	

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 19 ta' Marzu 2019

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 6866/19

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam taċ-ċibersigurtà fl-UE

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam taċ-ċibersigurtà fl-UE adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fid-19 ta' Marzu 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam ta' ċibersigurtà fl-UE

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

1. FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE¹;
2. FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar ir-Rispons Koordinat tal-UE għal Inċidenti u Kriżijiet ta' Ċibersigurtà fuq Skala Kbira²;
3. FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-bini ta' ċiberkapaċità esterna tal-UE³;
4. FILWAQT LI JTENNI li livell għoli ta' sigurtà tan-netwerk u tas-sistemi tal-informazzjoni jista' jingħata billi jissaħħu l-kapaċitajiet fil-qasam ta' ċibersigurtà tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE, u permezz tat-tisħiħ sussegwenti tar-reżiljenza ċibernetika tagħhom;
5. FILWAQT LI JILQA' l-progress li nkiseb mill-Istati Membri fit-tisħiħ tal-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRTs);
6. FILWAQT LI JFAĦĦAR it-twaqqif tan-Netwerk tas-CSIRTs mill-Istati Membri bl-appoġġ attiv tal-Kummissjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netzwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) kif ukoll il-kooperazzjoni msaħħa f'livell strateġiku permezz tal-Grupp ta' Kooperazzjoni għas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni (NIS), magħmul mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-ENISA;

¹ 14435/17 (Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE tal-20 ta' Novembru 2017)

² 10086/18 (Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rispons Koordinat tal-UE għal Inċidenti u Kriżijiet ta' Ċibersigurtà fuq Skala Kbira tas-26 ta' Ġunju 2018)

³ 10496/18 (Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Linji Gwida dwar il-bini ta' ċiberkapaċità esterna tal-UE tas-26 ta' Ġunju 2018)

7. FILWAQT LI JENFASIZZA r-rwol ewlieni tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS fl-għoti tal-gwida neċessarja biex jiġi allinjat kemm jista' jkun l-approċċ fit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-NIS⁴ fl-UE kollha kif ukoll fl-indirizzar tal-kwistjonijiet rilevanti fil-qasam taċ-ċibersigurtà;
8. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-appoġġ eżistenti li qed jingħata mill-Kummissjoni lill-Istati Membri għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-CSIRTs permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;
9. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-appoġġ mogħti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità permezz tal-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL);
10. FILWAQT LI JILQA' l-aġġornament tal-Qafas ta' Politika għaċ-Ċiberdifiża tal-UE biex jiġi appoġġat aktar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet taċ-ċiberdifiża tal-Istati Membri;
11. FILWAQT LI JFAĦĦAR il-progress li nkiseb fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-NIS mill-Istati Membri;
12. FILWAQT LI JINNOTA li ċ-ċibersigurtà hija dominju kumpless, interdipendenti u jinbidel kontinwament li jitlob li l-qafas politiku u legali jiġi adattat għal xejriet teknoloġiċi ġodda u teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, il-blockchain u l-quantum computing;

⁴ Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016).

13. FILWAQT LI JENFASIZZA li programmi ta' taħriġ u edukazzjoni relatati maċ-ċibersigurtà kif ukoll informazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar it-theddid għas-sigurtà għall-utenti aħħarin huma fundamentali biex jitnaqqsu r-riskji taċ-ċibersigurtà;
14. FILWAQT LI JENFASIZZA li l-eżerċizzji ċibernetiċi huma għodod effettivi biex jiġi vvalutat u jittejjeb aktar il-livell ta' tħejjija tal-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiġu miġġielda inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira;
15. FILWAQT LI JTENNI li ċ-ċiberspazju ma għandux fruntieri, li jfisser li l-perspettivi u l-kooperazzjoni transfruntiera u transsettorjali huma prinċipju kostanti tal-attivitajiet u l-inizjattivi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet;
16. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tal-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku, is-settur privat u l-akkademja, b'mod partikolari permezz ta' proġetti kollaborattivi;
17. FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza tal-kooperazzjoni ċivili-militari, li taħdem lejn għanijiet komuni fil-qasam ċibernetiku sabiex jiġi żgurat rispons koerenti u effettiv għat-theddid ċibernetiku;
18. JINNOTA l-progress li nkiseb minn grupp ta' Stati Membri fl-iżvilupp ta' Timijiet ta' Rispons Rapidu Ċibernetiku sabiex japprofondixxu l-kooperazzjoni volontarja fil-qasam ċibernetiku permezz tal-assistenza reċiproka;

19. JILQA' d-diskussjoni li għaddejja fil-Kunsill dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi ċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-Qasam taċ-Ċibersigurtà u n-Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni;
20. JINKORAĠĠIXXI l-parteciċipazzjoni attiva fil-ħidma li għaddejja tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, b'mod partikolari rigward it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam ċibernetiku;
21. JINKORAĠĠIXXI l-ħidma li għaddejja tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS dwar rispons koordinat tal-UE għal inċidenti u kriżijiet taċ-ċibersigurtà fuq skala kbira;
22. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jibnu fuq l-istrategġiji nazzjonali taċ-ċibersigurtà tagħhom u jintegraw iċ-ċibersigurtà, filwaqt li jieħdu kont tar-rekwiżiti speċifiċi għas-setturi;
23. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex iwettqu monitoraġġ kontinwu, evalwazzjoni/valutazzjoni tal-impatt tal-miżuri li ttieħdu biex isaħħu r-reżiljenza ċibernetika u jtejbu l-kapaċitajiet ċibernetiċi fil-livell nazzjonali;
24. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jintegraw iċ-ċibersigurtà u l-litteriżmu diġitali fil-kurrikuli fil-livelli kollha tal-edukazzjoni (primarja, sekondarja, terzjarja, tagħlim tul il-ħajja), abbażi, fejn rilevanti, ta' profili ta' impjiegi stabbiliti u futuri;
25. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex iwettqu inizzjattivi ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u l-iġjene ċibernetika għall-pubbliku u l-utenti aħħarin, immirati lejn l-impjegati tas-settur pubbliku;
26. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex iwettqu eżerċizzji taċ-ċibersigurtà fil-livell nazzjonali kif ukoll biex iwettqu u/jew jipparteċipaw f'eżerċizzji taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE sabiex jittestjaw u jitħarrġu f'aspetti strateġiċi u teknoloġiċi, kif ukoll sabiex jiżviluppaw il-ħiliet neċessarji b'mod effettiv u fuq livell prattiku;

27. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jiżviluppaw aktar il-kapaċitajiet tekniċi u operazzjonali fil-qasam taċ-ċibersigurtà tas-CSIRTs tagħhom fil-prevenzjoni, il-mitigazzjoni ta' inċidenti u fir-rispons għal inċidenti;
28. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-ENISA biex ikomplu bl-appoġġ tagħhom għall-iżvilupp tal-kapaċità tan-Netwerk tas-CSIRTs mill-Istati Membri sabiex jikkooperaw aħjar, jikkondividu l-informazzjoni dwar inċidenti u jwieġbu b'mod effettiv għal inċidenti transfruntiera fuq skala kbira;
29. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex ikomplu jgħinu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jiżviluppaw kompetenzi speċifiċi f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti Ewropej sabiex jiġġieldu b'mod effettiv kontra ċ-ċiberkriminalità fil-livell tal-UE;
30. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex iżidu l-investment fit-tisħiħ taċ-ċiberkapaċità;
31. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-ENISA biex jipprovdu programmi u taħriġ ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà li huma mmirati lejn l-impjegati tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE;
32. JAPPELLA lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jikkondividu informazzjoni u prattiki tajbin fuq bażi volontarja sabiex jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ħtiġijiet ewlenin tat-tisħiħ taċ-ċiberkapaċità fil-livell nazzjonali u tal-UE;
33. JISTIEDEN lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jappoġġaw ir-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà u jippromwovu ċ-ċibersigurtà bħala kwistjoni f'oqsma oħra ta' studju, biex b'hekk diversi fergħat ta' riċerka u żvilupp relatati maċ-ċibersigurtà jinġabru flimkien f'pakkett integrat, u sabiex titrawwem l-eċċellenza fir-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà;
34. JISTIEDEN lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiżviluppaw ir-riċerka dwar iċ-ċibersigurtà b'tali mod li tirrifletti l-ħtiġijiet tas-soċjetà u jintegraw ir-riżultati tar-riċerka fis-suq;
35. JAPPELLA lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jikkunsidraw iċ-ċibersigurtà f'sejħiet għal akkwist tal-ICT, kif adegwat.